**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 27 ta' Gunju, 2002**

Citazzjoni Numru: **595/02TM**

Numru**: 13**

**MARESCO (TRADING) LTD**

vs

**TONIO VELLA maghruf ukoll bhala Tonio Vella Bonello u Grapevine Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet illi fil-perjodu bejn Lulju u Awissu 1999 u Mejju tas-sena 2000 is-socjeta' attrici kkonsenjat u nstallat *air conditioning units* lill-konvenuti fil-fond Grapevine Pub, Pioneer Road, Bugibba, liema *units* gew debitament ikkonsenjati u installati mis-socjeta' attrici u debitament accettati mill-konvenuti;

Ippremettiet illi l-ammont globali ghall-imsemmija xogholijiet kien ta' disat elef, tliet mija u sebghin lira Maltija (LM9370.00) kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati Dok A, Dok B u Dok C;

Ippremettiet illi l-konvenuti, hallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tmien mitt Lira Maltija (LM1,800.00), u aktar tard, is-somma ta' elfejn lira Maltija (LM2,000.00);

Ippremettiet illi l-konvenuti, huma debituri a favur tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' hamest elef, hames mija u sebghin lira Maltija (LM5,557.00);

Ippremettiet illi l-konvenuti, ippretendew li jeffettwaw xi pagamenti permezz ta' numru ta' cekkijiet li ma gewx onorati mill-bank (kopji annessi u mmarkati bhala Dok D);

Ippremettiet illi ghalkemm l-konvenuti gew interpellati kemm-il darba biex ihallsu l-ammont dovut lis-socjeta' attrici (Dok E u Dok F), liema ammont il-konvenuti kkonfermaw anke tramite l-konsulent legali taghhom, li ser ihallsuh (Dok G), il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ippremettiet illi l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' hamest elef, hames mija u sebghin lira Maltija (LM5,570.00) huwa cert, likwidu u dovut, u sa fejn taf is-socjeta' attrici l-konvenuti m'ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra taghhom ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta' Raymond Galea bhala rapprezentant tas-socjeta' attrici hawn anness u mmarkat bhala Dok H;

Talbet ghalhekk li l-konvenuti ghidu ghaliex din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq premessi praevia d-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), u taht kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun, m'ghandiex;

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, hames mija u sebghin lira Maltija (LM5,570.00), ghal xiri u nstallazzjoni ta' *air conditioning units* debitament ikkonsenjati u nstallati lill-konvenuti u accettati minnhom.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tas-27 ta' April, 2001 u tat-13 ta' Marzu, 2002 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw n-nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqghu

kontumaci; hadd mill-konvenuti ma deher ghall-udjenza li ghaliha kienu mharrka;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**IMHALLEF**

**D/REG**